# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Frar, 2018**

**Numru 6**

**Rikors Numru 634/17TA**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Engelbert Attard (K.I. numru 280371(M))**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Guramentat tal-Bank Attur prezentat fit-13 ta' Lulju, 2017 u mahluf minn Johanna Bartolo ghan-nom u in rappresentanza ta' l-istess Bank, li permezz tieghu talab is-segwenti:-

"1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 30 ta' Novembru 2007, in atti Nutar Dottor Edward Flores, (Dok. "A") u zewg skritturi privati datati 11 ta' Dicembru 2007 (Dok. "B") u 22 ta' Lulju 2009 (Dok. "C"), is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Engelbert Attard;

2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Engelbert Attard fis-somma ta' wiehed u tletin elf, tmin mija u tlieta u ghoxrin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€31,823.62) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" ta' Engelbert Attard mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D5", Dok. "E1 sa E2", Dok. "F1 sa F3" u Dok. "G1 sa G2") flimkien mal-imghax ulterjuri mis-7 ta' Gunju 2017 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokument "A", "B", u "C"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Engelbert Attard:

   (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skritturi (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Engelbert Attard li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

4. Illi l-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenut Engelbert Attard gie interpellat permezz ta ittra ufficjali datata 22 ta' Dicembru 2015, li kopja taghha qed tigi hawn ezebita u immarkata Dok 'H' sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda huwa baqa' inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u l-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dokument "A","B" u "C") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Engelbert Attard (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skritturi, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Engelbert Attard li

jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici, u

2. Tikkundanna lil Engelbert Attard ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' wiehed u tletin elf, tmin mija u tlieta u ghoxrin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€31,823.62) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" ta' Engelbert Attard mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D5", Dok. "E1 sa E2", Dok. "F1 sa F3" u Dok. "G1 sa G2") flimkien mal-imghax ulterjuri mis-7 ta' Gunju 2017 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 22 ta' Dicembru 2015 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li hu ingunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni."

Rat li l-Konvenut notifikat kif trid il-ligi baqa' ma wegibx;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Bank Attur;

Rat li l-Konvenut baqa' ma pprezentax nota ta' sottomissjonijiet kif verbalizzat fl-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2018 (a` fol 76).

**Konsiderazzjonijiet**

Mill-uniku xhud fil-kawza u cioe` Dorianne Tanti, jirrizulta li mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat ma kien hemm ebda bidliet fic-cirkostanzi. Dan ifisser li l-ammont li qieghed ikun mitlub mill-Bank Attur ghadu l-istess.

Jirrizulta illi l-Konvenut huwa inadempjenti mal-obbligazzjoni minnu assunti favur il-Bank Attur in kwantu jirrigwarda l-ammont li qed jintalab f'din il-kawza.

Il-Qorti tqis li l-Bank Attur irnexxielu jipprova l-pretensjoni tieghu kif mitlub fir-Rikors Guramentat.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:-

**Tilqa'** l-ewwel talba attrici b'dan li qed tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u l-iskritturi privati fuq imsemmija partikolarment imma mhux esklussivament, billi Engelbert Attard (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lill-Bank Attur kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skritturi, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Engelbert Attard li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lill-Bank Attur.

**Tilqa`** t-tieni talba attrici u tikkundanna lil Engelbert Attard ihallas lill-Bank Attur is-somma ta' wiehed u tletin elf, tmin mija u tlieta u ghoxrin Ewro u

tnejn u sittin centezmu (€31,823.62) bilanc ghad-debitu fil-“*Loan u Overdraft Accounts*” ta’ Engelbert Attard mal-Bank of Valletta p.l.c.

Bl-imghaxijiet legali kif mitlub.

**Spejjez**, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 22 ta’ Dicembru 2015 u tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment mar-Rikors Guramentat, a` karigu tal-Konvenut.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**